**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**

**(Elton Taliana)**

**Vs**

**Carmela Seychell**

Illum 22 ta' Mejju 2017

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata Carmela Seychell ta' 57 sena, bint Leonardo Mckay u Josephine nee' Grixti, imwielda Pieta', fis-17 ta' Lulju 1958 u residenti Blk G Flat 5, Housing Estate, Misrah Tmin, Zejtun, detentrici tal- karta tal-identita' 498558(M)

Akkuzata talli b'dviersi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, u liema atti gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

Nhar il-25 ta' Frar 2016 u fix-xhur ta' qabel din id-data minn go residenza 1, Misrah il-Paci, Pembroke ikkomettiet serq ta' deheb liema serq ma jiswiex aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u

disghin centezmu (€232.94), ghad dannu ta' Josephine Miggiani u il-familja taghha, liema serq huwa aggravat bil-'lok' u bil-'persuna'.

Aktar talli kkommettiet reat waqt li kienet taht sentenza sospiza, liema sentenza inghatat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) preseduta mill-Magistrat Dr D Clarke LL.D., nhar it-8 ta' Marzu 2015, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti hija mitluba li titratta lill-imputata bhala recediva ai termini tal-artikolu 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9, tal-Kodici Kriminali, meta hija kienet giet misjuba hatja u ikkundannata ghall-reati, b'sentenzi ta' reati [recte: Qrati] Maltin, liema sentenzi saru defenittivi.

Rat li fis-seduta tallum l-imputat ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha u kkonfermat l-istess ammissjoni wara li nghatat zmien sabiex tirrikunsidra l-posizzjoni taghha.

Semghet is-sottomissjonijiet dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha u ghaldaqstant dawn gew sodisfacjentement ippruvati.

Inkwantu ghall-piena din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reati u c-cirkostanzi tal-kaz.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti fuq ammissjoni wara li rat l-artikolu 49, 50, 261(d)(e), 268(a), 269(g), 281(b) u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront

taghha u inkwantu ghall-ewwel imputazzjoni bl-applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kap 446 tilliberaha bil-kondizzjoni li ma twettaqx reat iehor f'zmien sena.

Inkwantu ghat-tieni imputazzjoni b'applikazzjoni tal-paragrafu (b) ta' subinciz 2 tal-artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta testendi l-perjodu operattiv ta' tmintax-il xahar imposti bis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-8 ta' Marzu 2015 ghal perjodu ta' sentejn millum.

Il-Qorti spjegat lill-hatja bi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi jekk iwettaq reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

**Dr Josette Demicoli LL.D**
**Magistrat**